# KUNSILL LOKALI SAN GILJAN

## MINUTI

### Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Ġiljan

### Laqgħa Nru. 21/K9/20

Data tal-laqgħa: 06 ta' Awwissu 2020

Il-Kunsill Lokali San Ġiljan iltaqa' permezz ta' video conference minħabba s-sitwazzjoni preżenti u għalhekk il-membri ingħataw l-aċċess għal programm ta *video conferences* fl-5.00 ta' filgħaxija.

**Preżenti:**

Dott. Albert Buttigieg – Sindku
Clayton Luke Mula – Viċi Sindku
Guido Dalli – Kunsillier
Adrian Domenic Ellul – Kunsillier
Martin John Sultana – Kunsillier
John Agius – Kunsillier
Rita Dimech Portelli – Kunsilliera

**Assenti b'Apoloġiji (Skont Ordni Permanenti 14A (1) – (3)**

Il-Kunsilliera Patricia Camilleri (Inc. 13783/20)
Il-Kunsillier Sean Gauci (Inc. 13908/20)

**Assenti:** (0)

**Uffiċjali Preżenti**

Paul Spiteri – Segretarju Eżekuttiv
Cher Carmen Fenech – Skrivana

Preżenza tal-pubbliku – (0)

**Triq Forrest, San Giljan, STJ 2033**
Tel: 21373111  Fax: 21373444
**email:** sangiljan.lc@gov.mt

**Minuti**

**Talba**

Inqrat it-Talba.

**21.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

21.1.01 Il-Kunsilliera Patricia Camilleri, l-Kunsillier Sean Gauci u l-Kunsillier Adrian Domenic Ellul talbu li jiġu skużati għal-laqgħa tal-Kunsill minħabba li jinsabu indisposti. Wara diskussjoni qasira l-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

**21.2 Approvazzjoni tal-Minuti**

21.2.01 Is-Segretarju ressaq Minuti 20/K9/20 għall-approvazzjoni.

21.2.02 Wara diskussjoni qasira, il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli ipproponiet l-approvazzjoni tal-Minuti 20/K9/20.

21.2.03 Il-Kunsillier Guido Dalli ssekondaha.

21.2.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**Punti Imqajjma mill-Minuti**

21.2.05 Iċ-Ċermen iċċara li meta jsir l-kuntratt mal-Planning Authority biex nużaw fondi ma jfissirx li dak il-proġett ikollhu ż-żmien meta jrid jiġi mwettaq.

21.2.06 Il-Kunsilier John Agius staqsa għaliex il-bankijiet li twaħħlu l-Balluta qed jħarsu lejn it-triq u mhux lejn il-wied. Iċ-Ċermen qal li kien hemm talba mingħand in-nies biex dawn isiru hekk.

21.2.07 Il-Kunsillier Martin John Sultana qajjem il-punt li s sellum li kellu jsir ħdejn il-pont tal-Banis ghadu ma sarx. Is-Segretarju qallu li ser ikun qiegħed jiċċekja mal-Cleansing minħabba li kien infurmat li dan kien diġa twaħħal.

21.2.08 Il-Kunsillier Martin John Sultana staqsa dwar il-culvert fi Triq Claire E. Engel / Triq ta' Ġiorni. Is-Segretarju nfurmaħ li għadu qed jivverifika mal-Perit dwar dawn ix-xogħolijiet.

21.2.09 Tqajjem il-punt 20.3.01 – Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli nfurmat lill-Kunsill li minħabba s-sitwazzjoni preżenti hija qed tqassam xi ikel tal-qtates mid-dar tagħha kif ukoll li għalissa mhijiex qed

tagħmel is-sezzjoni tat-teħid tal-pressjoni u zokkor għar-residenti fl-uffiċċju tal-Kunsill.

21.2.10 Fir-rigward Triq Diodorus Siculus, iċ-Ċermen ma sabx oġġezzjoni li ssir laqgħa mar-residenti, pero huwa tajjeb li wieħed jżomm f'moħħu li x-xogħol ma tkompliex li minħabba li jridu jitneħħew numru ta' illegalitajiet li hemm fosthom rampi għall-garaxxijiet li joħorġu sat-triq.

21.2.11 Is-Segretarju informa lill-Kunsill li l-persuna li ġiet magħżula biex tiġi mpjegata mal-Kunsill ir-rinunzjat u għalhekk il-proċess għall-rekrutaċċ ta' segretarja ser ikompli għaddej.

**21.3 Kommunikazzjoni miċ-Ċermen**

21.3.01 Iċ-Ċermen qajjem il-punt li waħda mill-Kunsilliera qed ikollha problema sabiex tattendi l-laqgħa nhar ta' Ħamis u għalhekk talab li tinbidel il-ġurnata. Wara diskussjoni kien hemm qbil li din tibda ssir fil-ġurnata tat-Tlieta.

21.3.02 Iċ-Ċermen qajjem il-punt dwar il-bżonn li nagħmlu laqgħa mal-Ministru responsabbli u l-Pulizija sabiex niddiskutu magħhom il-problemi li qed niffaċċjaw ġewwa l-lokalita' tagħna minħabba attivitajiet illeċiti u abbużi oħra speċjalment fl-area ta' Paceville. Il-Kunsillier Martin John Sultana qal li jixtieq jattendi għall din il-laqgħa.

21.3.03 Iċ-Ċermen informa lill-kunsill hu u l-Kunsillier Guido Dalli kellhom laqgħa mat-tmexxija tal-club tal-Waterpolo Club ta' San Ġiljan, fejn ġiet diskussa magħhom it-talba tal-club sabiex ngħinuhom mill-fondi tal-Awtorita' ta' l-Ippjanar għall-proġett ta' żvillupp li jixtiequ jagħmlu. Waqt din il-laqgħa ġiet iċċarata l-pożżizjoni tal-Kunsill.

21.3.04 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li kienet saret laqgħa fil-preżenza tal-Perit tal-Kunsill mal-Perit Frans Mallia u uffiċċjali oħra tal-Awtorita' tal-Ippjanar dwar il-Planning Funds.

21.3.05 Iċ-Ċermen informa li dwar il-problema li hemm fuq l-iżvilupp li hemm fil-istabiliment bl-isem TAPEA fi Triq il-Mensija, kienet daħlet talba quddiem l-Ombudsman.

21.3.06 Kien hemm qbil unanimu li nagħtu rikonoxximent lis-Sur Neil Agius bħala rikonoxximent tal-ġest li għamel meta għowm minn Sqallija għall-Malta b'għan filantropiku. Il-Kunsill qabel li l-ewwel laqgħa li jkollna nistidnuh għal dan ir-rikonoxximent.

21.3.07 **Punti mqajjma mill-Kunsilliera**

21.3.07.01 Il-Kunsillier John Agius qajjem il-punt dwar barrriers li hemm ħdejn il-Love Monument, huwa ġie nfurmat mis-Segretarju li jekk dawn m'għandhomx tags dawn ser ikunu qed jitneħħew. Huwa nforma lill-Kunsill li fi Triq il-Karmnu hemm żewġ tabelli li huma mgħawwġin.

21.3.07.02 Il-Kunsillier Guido Dalli qajjem il-punt dwar Gort Street hemm tabella tal-one way maqlugħa u anke hemm mera mkissra fi Triq il-Karmnu.

21.3.07.03 Il-Kunsillier Martin John Sultana qajjem il-punt dwar il-kantuniera ta' Triq il-Karmnu ma' Triq il-Kbira li hi mkissra, huwa ġie nfurmat li din il-kwistjoni għadha għaddeja bil-qorti. Xatt ta' Spinola jekk jistawx isiru cigarette bins, vetturi mitluqa fl-inħawi ta' Ta' Ġiorni, huwa ġie nfurmat miċ-Ċermen li min-naħa tal-Pulizija ma jistawx jiġbruhom minħabba li m'għandhomx post fejn nagħmluhom, sarx xi agreement fuq l-istatwa ta' San Ġiljan, huwa kellu jiġi llum imma minħabba is-sitwazzjoni preżenti dan ma ġiex (Stephen). Parking ta' Triq Hans Stumme, huwa ġie nfurmat li kull darba li jmur l-kuntrattur biex jagħmilhom dejjem isib karozzi pparkjati.

21.3.07.04 Il-Viċi Sindku Clayton Luke Mula qajjem il-punt dwar Triq iż-Żebbuġ in-naħa ta' ġewwa minħabba li qeda fi stat ħażin u hemm hafna ħofor. Huwa ġie nfurmat li qed naraw x'jista' jsir minħabba li fiha ħafna ħsara u mhux patching biss jista' jsir. Qajjem il-punt dwar Triq Francis Zammit dwar il-problema ta' parking, huwa talab li jsir residential parking area, huwa ġie nfurmat li bħalissa mhux qed jingħataw permessi min-naħa tat-Transport Malta.

## 21.4 Tender tal-Christmas Street Lights;

21.4.01 Is-Segretarju ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill is-sejħa għall-tender għat-tiżjien tal-Milied. Saret diskussjoni u kien hemm qbil li għandha toħroġ is-sejħa bil-kundizzjoni biex ma jsirx tiżjien fil-livel fejn jista' jintlaħaq atti ta' vandaliżmu.

## 21.5 Audited Adjustments;

21.5.01 Is-Segretarju ressaq l-audited adjustments (Ara lista annessa – Appendiċi 'A'). Dan ikun tibdil li umbgħad jiġi rifless fir-rapport finanzjarju tat-2019, li jkunu imdaħlin f'nominal ledger, din it-talba tkun saret min-naħa ta' l-awdituri.

21.5.02 Wara diskussjoni qasira l-Kunsill qabel ma dawn it-tibdil.

## 21.6 Talbiet żgħar;

**21.6.01 Email dwar Ċirk AKL 2020/078 Kontroll ħamiem selvaġġ (Inc. 13380/20);**

21.6.01.01 Il-Kunsill ġie nfurmat dwar din iċ-Ċirkulari.

**21.6.02 Email mill-ERA dwar Wellbeing First: A vision for Malta's Environment, National Strategy for the Environment 2050 (Inc. 13500/20)**

21.6.02.01 Il-Kunsill ġie nfurmat.

**21.6.03 Email mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar Attn: Life Integrated Projects: promotions & EASME support (Inc. 13501/20)**

21.6.03.01 Il-Kunsill ġie nfurmat.

**21.6.04 Email dwar Music Festival in aid of puttinu Cares (Inc. 13519/20);**

21.6.04.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni dment li jinħarġu l-permessi kollha neċessarji.

**21.6.05 Internal Call for the position of Executive Officer in Scale 13 (Inc. 13669/20);**

21.6.05.01 Il-Kunsill ġie nfurmat li l-impjegata Elizabeth Borg telat Scale 13.

**21.6.06 Email mingħand il-Banda San Ġiljan dwar il-Festa San Ġiljan 2020 (Inc. 13587/20);**

21.6.06.01 Din mhux ser tingħata minħabba is-sitwazzjoni preżenti.

**21.6.07 Email mingħand ir-Reġjun Ċentru dwar Skema Finanzjarja Numru 5/2020 (Inc. 13589/20);**

21.6.07.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-Kunsill japplika għaliha.

**21.6.08 Email dwar tables & chairs fil-Pjazza Qalb ta' Ġesu' quddiem id-Drinks & More (Inc. 13746/20);**

21.6.08.01 Din ser tkun qed tittieħed deċiżjoni min-naħa tal-Planning Authority u l-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni dment li jitħalla aċċess għan-nies.

**21.6.09 Email dwar l-Attivita' Żumba (Inc. 13762/20);**

21.6.09.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li din ser tiġi postposta għal aħħar ta' Settembru.

**21.6.10 Email mingħand ir-Reġjun Ċentru dwar Skema finanzjarja 1 2020 – Alokkazzjoni IRO 2019 (Inc. 13800/20);**

21.6.10.01 Il-Kunsill qabel li juża dawn il-fondi għall-proġetti u għandhom jinġabru stimi dwar tibdil tal-ħitan fi Triq il-Kbira.

**21.6.11 Email dwar collaboration on Green Spaces (Inc. 13533/20);**

21.6.11.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-Kunsill jiltaqa' magħhom sabiex jiddiskuti l-proposti tagħhom.

**21.6.12 Email dwar invitation ġewwa Piazza Armerina**

21.6.12.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li jmur l-Kunsillier Guido Dalli u l-Kunsillier Martin John Sultana. Il-Kunsillier Martin John Sultana kellu jagħtina risposta jekk hux ser jattendi.

**21.6.13 Email dwar Ċirk AKL 2020/087 Launch of Code Week 2020 (Inc. 13849/20);**

21.6.13.01 Il-Kunsill ġie nfurmat.

**21.6.14 Email dwar Ċirk AKL 2020/086 EU 2020 presidency conference on sport – Major focus on local authorities and sport – register asap if desired ! (Inc. 13842/20);**

21.6.14.01 Il-Kunsill ġie nfurmat.

**21.6.15 Email dwar Ta' Giorni ATM (Inc. 13354/20);**

21.6.15.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li nieħdu parir legali x'inhi l-pożizzjoni tal-Kunsill minħabba li l-Kunsill daħal f'ħafna spejjez. Importanti li ma jkunx hemm diskors li terġa titneħħa l-ATM.

21.6.15.02 Il-Kunsillier Martin John Sultana telaq fis-7.30p.m. u wasal l-Kunsillier Adrian Domenic Ellul.

**21.6.16 Email mill-AKL dwar Cirk AKL 2020/088 – opportunity knock Project – aġenzija appoġġ referral opportunity knocks (Inc. 13867/20);**

21.6.16.01 Il-Kunsill ġie nfurmat.

**21.6.17 Email dwar talba għall-unloading bay fi Triq Luigi Apap c/w Triq San Gorg (Inc. 13895/20)**

21.6.17.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li din issir però tkun bil-ħin u tkun tista' tintuża matul il-ġurnata.

**21.6.18 Email dwar skema finanzjarja 6 2020 – Avvenimenti Soċjo Kulturali (Inc. 13905/20);**

21.6.18.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li din terġa tiġi diskussa laqgħa oħra.

**21.6.19 Email mir-Reġjun Ċentru dwar Skemi li nħarġu matul is-sena 2020 (Inc. 13906/20)**

21.6.19.01 Il-Kunsill ġie nfurmat.

**21.6.20** Is-Segretarju nforma lill-Kunsill li ser ikun qiegħed jiġi mpjegat ħaddiem fuq l-iskema tas-CIS. Dan il-ħaddiem ser ikun suplimentari għall-ħaddiem tal-Kunsill biex jagħmel xogħol ta' manutenzjoni. Il-ħlas ta' dan il-ħaddiem ser jiġi rimposat mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali, filwaqt li l-Kunsill jħallas il-parti tal-bolla tal-employer.

**21.6 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets;**

21.6.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bil-Purchase Request Sheets minn Nru. 5143 sa 5186 (Ara Appendiċi 'B')

21.6.02 Il-Kunsill qabel unanimament mal-approvazzjoni tal-imsemmija Purchase Request Sheets.

**21.7 Skeda tal-Pagamenti**

21.7.01 Iċ-Ċermen ressaq il-pagamenti tal-kontijiet u ppropona l-approvazzjoni tagħhom. (Ara Appendiċi 'Ċ')

21.7.02 Il-Viċi Sindku Clayton Luke Mula ppropona l-approvazzjoni tagħhom.

21.7.03 Il-Kunsillier Guido Dalli ssekondah fl-approvazzjoni tagħhom.

**21.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**.

21.8.01 Il-laqgħa ġiet aġġornata għal-laqgħa għal nhar it-Tlieta 1 ta' Settembru 2020 fil-5.00p.m.

21.8.02 Il-laqgħa ntemmet fit-8.00p.m.

IFFIRMATI,

**Dott. Albert Buttigieg**
**Ċermen**

**Paul Spiteri**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Data:** 01 ta' Settembru 2020